



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Jannar 2023
(OR. en)

5692/23

ENV 63
AGRI 29
FIN 82
PESTICIDE 5
PHYTOSAN 3
RECH 30
EDUC 31
JEUN 22
CONSOM 15
FORETS 4
RELEX 87

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	24 ta' Jannar 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 35 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Reviżjoni tal-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi Patt ġdid għall-pollinaturi

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 35 final.

Mehmuż: COM(2023) 35 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.1.2023
COM(2023) 35 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Reviżjoni tal-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi

Patt ġdid għall-pollinaturi

{SWD(2023) 18 final}

1. INTRODUZZJONI

It-tnaqqis fil-pollinaturi selvaġġi u l-konsegwenzi ta' dan fuq is-sigurtà tal-ikel, fuq is-saħħa tal-bniedem, fuq il-kwalità tal-ħajja u fuq il-funzjonament tal-ekosistema jqajmu tħassib qawwi fis-soċjetà kollha. Dan wassal ukoll għal sejħiet, b'mod partikolari mix-xjenzati u mis-soċjetà ċivili, għal azzjoni deċiżiva sabiex jiġu indirizzati l-kawżi wara t-tnaqqis. Eżempju wieħed riċenti huwa l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej “Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa”¹, li tagħmel sejhja għal tranżizzjoni lejn agrikoltura aktar favorevoli għan-naħal, u għet ippreżentata b'suċċess lill-Kummissjoni Ewropea f'Ottubru 2022 wara li għabt aktar minn miljun dikjarazzjoni ta' appoġġ miċ-ċittadini tal-UE.

Madwar erba' minn kull ħames speċijiet ta' pjanti tal-għelejjel u tal-fjuri selvaġġi fl-Ewropa jiddependu, mill-anqas sa ċertu punt, fuq il-pollinazzjoni tal-annimali li ssir minn eluf ta' speċijiet ta' insetti. Dan is-servizz iġib benefiċċji tanġibbli għall-ekonomija: il-kontribuzzjoni tiegħu għall-output agrikolu tal-UE huwa stmat li jlaħħaq mill-anqas EUR 5 biljun fis-sena². Il-biċċa l-kbira tal-benefiċċji essenzjali li l-pollinaturi jipprovdu jibqgħu mhux kwantifikati, bħall-kontribut tagħhom għas-sigurtà u s-saħħa tan-nutrizzjoni, jew għaż-żamma tas-saħħa u r-reżiljenza tal-ekosistema permezz tal-pollinazzjoni tal-pjanti selvaġġi.

Madankollu, l-Ewropa u d-dinja³ qegħdin jiffaċċjaw telf drammatiku ta' pollinaturi selvaġġi. Skont il-Lista Ħamra Ewropea⁴, il-popolazzjoni ta' madwar waħda minn kull tliet speċijiet ta' naħal, friefet u *Syrphidae* qiegħda tonqos. Barra minn hekk, waħda minn kull għaxar speċijiet ta' naħal u friefet, u waħda minn kull tliet speċijiet ta' *Syrphidae* huma mhedda bl-estinzjoni. Filwaqt li dawn iċ-ċifri diġà huma allarmanti, l-istampa sħiħa għadha ma hijiex magħrufa. Fehim akbar tal-istat tal-pollinaturi jista' jiżvela sitwazzjoni saħansitra aktar ta' thassib⁵.

It-tnaqqis fil-pollinaturi joħloq theddida kemm għall-benesseri tal-bniedem kif ukoll għan-natura. It-telf tal-pollinaturi jimmina l-produttività agrikola fit-tul, u jkompli jaggrava xejra influwenzata minn fatturi oħrajn, b'mod partikolari s-sitwazzjoni ġeopolitika attwali bil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

Saru sforzi globali sabiex tiġi indirizzata l-kriżi tal-bijodiversità fil-15-il Konferenza tal-Partijiet (COP15) għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Diversità Bijoloġika f'Diċembru 2022. Dawn l-isforzi globali jridu jkun akkumpanjati minn miżuri ambizzjużi għall-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità fil-livell tal-UE, li l-pollinaturi huma parti integrali minnha.

¹ https://europa.eu/citizens-initiative/initiatives/details/2019/000016_mt. Il-Kummissjoni Ewropea se twieġeb għal din l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej permezz ta' komunikazzjoni ddedikata fl-2023.

² Vysna, V., Maes, J., Petersen, J.E., La Notte, A., Vallecillo, S., Aizpurua, N., Ivits, E., Teller, A., Accounting for ecosystems and their services in the European Union (INCA). Rapport finali mill-fażi II tal-proġett INCA li għandu l-għan li jiżviluppa proġett pilota għal sistema integrata ta' kontijiet tal-ekosistema għall-UE. Rapport statistiku. L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2021.

³ [IPBES \(2016\). Assessment report by the Intergovernmental Science-Policy Platform on Biodiversity and Ecosystem Services on pollinators, pollination and food production.](#)

⁴ <https://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/species/redlist>

⁵ [Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni meħmuż mal-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi](#) (SWD(2018) 302), paġna 3.

Fl-2018, il-Kummissjoni adottat l-ewwel qafas tal-UE li qatt sar sabiex jiġi indirizzat it-tnaqqis tal-pollinaturi selvaġġi - l-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi⁶. Din l-inizjattiva stabbiliet objettivi fuq żmien twil għall-2030 u sett komprensiv ta' azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati fuq perjodu ta' żmien qasir sa medju. Ġiet appoġġata bil-qawwa fost il-gruppi tal-partijiet ikkonċernati, u kisbet interess pubbliku għoli. L-objettivi tal-inizjattiva ingħataw spinta kbira mill-Patt Ekoloġiku Ewropew.

L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030⁷ stabbiliet l-ambizzjoni ġenerali li sal-2030 it-tnaqqis fin-numri u fid-diversità tal-pollinaturi jitreġġa' lura bħala parti minn serje ta' impenji u miri għar-restawr tan-natura fl-UE. L-istrateġija stabbiliet ukoll il-Pjattaforma tal-UE dwar il-Bijodiversità li taħtha ġie stabbilit grupp ta' ħidma għall-pollinaturi bħala l-pjattaforma ewlenija ta' governanza għall-Inizjattiva dwar il-Pollinaturi. Inizjattivi oħrajn taħt il-Patt Ekoloġiku Ewropew, bħall-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, il-Pjan ta' Azzjoni għal Tniġġis Zero, l-Istrateġija għall-Foresti, l-Istrateġija dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima⁸, jgħinu sabiex jiġi indirizzat it-theddid għall-pollinaturi.

Din il-Komunikazzjoni tippreżenta qafas ta' azzjoni rivedut għall-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi, li jibni fuq konsultazzjonijiet komprensivi mal-partijiet ikkonċernati u feedback istituzzjonali⁹ mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill, mill-Kumitat tar-Reġjuni, u mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Tistabbilixxi azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-UE u mill-Istati Membri tagħha sabiex ireġġgħu lura t-tnaqqis tal-pollinaturi sal-2030.

Ir-reviżjoni ssegwi r-rieżami tal-progress fl-implimentazzjoni tal-Inizjattiva dwar il-Pollinaturi, li l-Kummissjoni wettqet fl-2021¹⁰. Ir-rieżami wera li, filwaqt li din tibqa' għodda politika valida, għad iridu jingħelbu sfidi sinifikanti sabiex jitwaqqaf u jitreġġa' lura t-tnaqqis tal-pollinaturi. B'mod partikolari, għandha tittieħed azzjoni ulterjuri sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv il-fatturi ewlenin tat-tnaqqis, sostnuti minn mekkaniżmi robusti ta' monitoraġġ u governanza. Ir-rieżami għamel sejħa sabiex l-Inizjattiva tiġi riveduta sabiex jintlaħqu l-objettivi tagħha fuq żmien twil.

Ir-reviżjoni timxi wkoll fuq ir-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri¹¹ dwar l-azzjonijiet tal-UE għall-protezzjoni tal-pollinaturi selvaġġi. Dan ir-rapport identifika lakuni fil-politiki ewlenin tal-UE li jindirizzaw it-theddidiet ewlenin għall-pollinaturi selvaġġi, u rrakkomanda li l-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa li jiżdiedu miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati t-theddidiet li bħalissa ma humiex ikkunsidrati fl-Inizjattiva dwar il-Pollinaturi. Huwa indika wkoll il-ħtieġa li jiġu integrati aħjar l-azzjonijiet sabiex jiġu protetti l-pollinaturi selvaġġi fil-politiki tal-UE dwar il-konservazzjoni tal-bijodiversità u l-agrikoltura u sabiex tittejjeb il-protezzjoni tal-pollinaturi selvaġġi mill-pestiċidi.

⁶ [L-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi](#) (COM(2018) 395).

⁷ [Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030](#) (COM(2020) 380).

⁸ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_21_6687

⁹ https://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/species/pollinators/policy_en.htm

¹⁰ [Rapport dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi](#) (COM(2021) 261 final).

¹¹ [Rapport Speċjali tal-QEA 15/2020](#).

F'Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura¹², li għandha l-għan li tinkludi fil-liġi l-ambizzjoni tal-Istrateġija għall-Bijodiversità: din tinkludi mira legalment vinkolanti għall-Istati Membri tal-UE sabiex ireġġgħu lura t-tnaqqis tal-popolazzjonijiet tal-pollinaturi sal-2030, u sabiex ikomplu jżidu x-xejriet wara dan. Il-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura u din l-Inizjattiva riveduta dwar il-pollinaturi jimxu id f'id: il-proposta leġiżlattiva tagħti lill-Istati Membri l-flessibbiltà li jiddeċiedu, fil-Pjanijiet Nazzjonali ta' Restawr tagħhom, l-aktar miżuri effettivi sabiex tintlaħaq il-mira. L-azzjonijiet f'din l-Inizjattiva riveduta, li jinkludu firxa wiesgħa ta' politiki tal-UE, għandhom l-għan li jappoġġaw u jikkumplimentaw il-miżuri nazzjonali ta' restawr meħtieġa skont il-Liġi proposta dwar ir-Restawr tan-Natura.

2. AZZJONI TAL-UE SABIEX JITREĠĠA' LURA T-TNAQQIS TAL-POLLINATURI

L-Inizjattiva dwar il-Pollinaturi riveduta tistabbilixxi objettivi għall-2030 u azzjonijiet relatati taħt tliet prijoritajiet:

I: It-titjib tal-għarfien dwar it-tnaqqis tal-pollinaturi, il-kawżi u l-konsegwenzi tiegħu

II: It-titjib tal-konservazzjoni tal-pollinaturi u l-indirizzar tal-kawżi tat-tnaqqis tagħhom

III: Il-mobilizzazzjoni tas-soċjetà u l-promozzjoni tal-ippjanar u l-kooperazzjoni strateġiċi fil-livelli kollha

Il-kapitoli li ġejjin jiżviluppaw dawn il-prijoritajiet u l-azzjonijiet relatati. It-tabella fl-anness telenka l-azzjonijiet kollha.

2.1. PRIJORITÀ I: It-titjib tal-għarfien dwar it-tnaqqis tal-pollinaturi, il-kawżi u l-konsegwenzi tiegħu

L-azzjoni sabiex tgħin lill-pollinaturi trid tkun sostnuta minn xjenza robusta. Mill-2018, sar progress kbir fil-ġbir ta' għarfien azzjonabbli għall-konservazzjoni tal-pollinaturi, iżda għad hemm lakuni sinifikanti fl-għarfien. Huma meħtieġa aktar sforzi sabiex tiġi stabbilita sistema robusta ta' monitoraġġ madwar l-UE għall-pollinaturi, sabiex jitwettqu valutazzjonijiet kritiċi u analiżijiet spazjali, u sabiex jiġu promossi attivitajiet immirati ta' riċerka u innovazzjoni.

Stabbiliment ta' sistema komprensiva ta' monitoraġġ

Sabiex jiġu implimentati miżuri effettivi ta' konservazzjoni u ta' restawr għall-popolazzjonijiet ta' pollinaturi, huwa meħtieġ li jiġu mmappjati d-distribuzzjoni, l-istat u x-xejriet tagħhom f'dettall spazjali u temporali akkurat b'mod adegwat. Dan jeħtieġ skema ta' monitoraġġ robusta madwar l-UE kollha li tipprovdi informazzjoni regolari u frekwenti fuq perjodu ta' żmien twil. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri qegħdin jaħdmu fuq metodoloġija ta' monitoraġġ, li tibni fuq opzjonijiet tekniċi għal Skema ta' Monitoraġġ tal-Pollinaturi tal-UE (EU-PoMs)¹³. Sabiex jitkejlu b'mod rigoruż ix-xejriet fl-abbundanza u fid-diversità tal-pollinaturi u sabiex jiġi vvalutat b'mod affidabbli l-progress lejn it-treġġiġ lura tat-tnaqqis tagħhom, il-monitoraġġ se jkollu jitwettaq f'numru ta' siti suffiċjenti. Skont il-Liġi proposta dwar ir-Restawr tan-Natura, l-Istati

¹² [Proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal Regolament dwar ir-restawr tan-natura](#) (COM(2022) 304).

¹³ <https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC122225>

Membri se jkunu obbligati jwettqu l-monitoraġġ tal-ispeċijiet ta' pollinaturi kull sena, skont metodoloġija standardizzata.

Barra minn hekk, it-theddid ewlieni għat-tnaqqis tal-pollinaturi għandu jiġi mmonitorjat ukoll. L-inizjattiva għall-Monitoraġġ Ewropew tal-Bijodiversità f'Pajsaġġi Agrikoli (EMBAL)¹⁴, li tiġbor informazzjoni dwar il-ħabitat tal-pollinaturi fil-pajsaġġi agrikoli, u l-proġett Insignia¹⁵, li għandu l-għan li jimmonitorja l-pestiċidi u sustanzi oħrajn li jniġġsu billi juża n-naħal tal-għasel bħala bijoindikatur, joffru modi effiċjenti sabiex jimtlew il-lakuni fl-informazzjoni dwar l-istat tal-ħabitats tal-pollinaturi u t-tniġġis ambjentali. Dawn il-proċessi jeħtieġu implimentazzjoni sistematika fit-tul. L-istabbiliment ta' qafas integrat għall-monitoraġġ tat-tnaqqis tal-pollinaturi, il-kawżi u l-konsegwenzi tiegħu, skont il-mudell ta' intervent DPSIR (fatturi, pressjonijiet, stat, impatt u rispons), jippermetti t-traċċar tal-outputs u tal-eżiti tal-azzjonijiet ta' politika rilevanti.

Appoġġ tar-riċerka u l-valutazzjoni

L-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni se jkomplu jkunu meħtieġa sabiex jiġġeneraw għarfien azzjonabbli bbażat fuq *data* u informazzjoni miġbura sistematikament, appoġġati mill-programm qafas tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni – Orizzont Ewropa – kif ukoll minn sforzi nazzjonali ta' riċerka. Jeħtieġ li nifhmu aħjar id-diversità tassonomika u funzjonali tal-komunitajiet ta' pollinaturi u d-distribuzzjoni tagħhom, kif ukoll it-theddid għall-pollinaturi u għall-interazzjonijiet tagħhom. Dan tal-aħħar japplika b'mod partikolari għal theddid anqas mifhum għall-pollinaturi (ara l-Prijorità II).

Se jkun meħtieġ ukoll li jiġu żviluppati aktar għodod ta' valutazzjoni, bħall-valutazzjoni tal-Lista Ħamra u l-immappjar madwar l-UE ta' żoni ewlenin ta' pollinaturi, sabiex ikunu jistgħu jittieħdu miżuri mmirati ta' konservazzjoni u restawr.

Il-promozzjoni tal-bini tal-kapaċità u l-kondiviżjoni tal-għarfien

Il-monitoraġġ u r-riċerka huma intensivi fir-riżorsi, u r-riżorsi finanzjarji u umani se jkollhom jintużaw b'mod kosteffettiv. L-iżvilupp strateġiku tal-infrastruttura tar-riċerka, tal-għodod ta' monitoraġġ u tal-għarfien espert jista' jgħin f'dan ir-rigward. B'mod partikolari, se jkun importanti li tiżdied il-kapaċità kemm tax-xjenza professjonali kif ukoll tax-xjenza taċ-ċittadini sabiex isir xogħol tassonomiku, billi jiġu pprovduti opportunitajiet ta' xogħol, edukazzjoni u taħriġ.

L-għodod online eżistenti, bħaċ-Ċentru tal-UE għall-Infurmazzjoni dwar il-Pollinaturi u s-Sistema Ewropea ta' Infurmazzjoni dwar il-Bijodiversità (BISE), għandhom jintużaw bis-sħiħ sabiex jiġu kondiviżi r-riżultati tal-monitoraġġ u l-għarfien iġġenerat permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni. Dan jeħtieġ l-involvement kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali, b'appoġġ mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. Il-kondiviżjoni tal-għarfien, flimkien mal-aċċess miftuħ għad-*data*, se jżidu l-effiċjenza tal-investimenti pubbliċi u jiżguraw it-trasparenza tal-proċessi tal-politika tax-xjenza u tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

¹⁴ <https://wikis.ec.europa.eu/pages/viewpage.action?pageId=25560696>

¹⁵ <https://wikis.ec.europa.eu/pages/viewpage.action?pageId=36702461>

2.2. PRIJORITÀ II: It-titjib tal-konservazzjoni tal-pollinaturi u l-indirizzar tal-kawżi tat-tnaqqis tagħhom

It-theddid ewlieni għall-pollinaturi selvaġġi jinkludi t-tibdil fl-użu tal-art (inkluż l-urbanizzazzjoni), prattiki intensivi ta' ġestjoni agrikola (inkluż l-użu tal-pestiċidi), it-tniġġis ambjentali (inkluż it-tniġġis tad-dawl), speċijiet aljeni invażivi u t-tibdil fil-klima. Jistgħu jitfaċċjaw theddidiet oħrajn, li jpoġġu pressjoni żejda fuq il-pollinaturi. Xi theddidiet, bħall-agrikoltura intensiva u l-użu tal-pestiċidi, huma mifhuma aħjar minn oħrajn. Il-miżuri xierqa sabiex itaffu l-impatti tagħhom huma magħrufa sew. Hemm bżonn żieda rapida urġenti fl-użu ta' dawn il-miżuri.

Għal theddid ieħor bħat-tniġġis minn sustanzi kimiċi, sustanzi li jniġġsu l-arja, u metalli tqal, l-għarfien ma huwiex biżżejjed sabiex jiġu stmati l-firxa u d-distribuzzjoni tal-impatti tagħhom fuq il-pollinaturi, jew sabiex titfassal strateġija ta' intervent xierqa. Hawnhekk, huma meħtieġa aktar attivitajiet ta' monitoraġġ u ta' riċerka u innovazzjoni sabiex jippermettu rispons ibbażat fuq ix-xjenza għat-tnaqqis tal-pollinaturi.

It-titjib tal-konservazzjoni tal-ispeċijiet ta' pollinaturi u l-ħabitats tagħhom

Il-popolazzjonijiet tal-pollinaturi huma soġġetti għal pressjonijiet f'pajsaġġi differenti u użi differenti tal-art, li jinteraġixxu ma' xulxin, u jkomplu jampifikaw l-impatti dannużi. Għalhekk, l-azzjonijiet sabiex jittaffew dawk l-impatti ma għandhomx jittieħdu waħedhom iżda jeħtieġ li jiġu kkoordinati bejn is-setturi u jiġu pplanati tajjeb sabiex jiġu żgurati l-konsistenza, is-sinerġiji u l-kosteffettività.

Iż-żoni protetti u l-ġestjoni xierqa tal-art jipprovdu s-sinsla għall-konservazzjoni tad-diversità rikka tal-ispeċijiet ta' pollinaturi. Abbażi ta' dan, għandhom jintużaw attivitajiet ta' restawr ippjanati b'mod strateġiku sabiex jiġu żgurati żoni adegwati ta' ħabitats ta' pollinaturi konnessi sew u ta' kwalità għolja. Il-pjanijiet ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet¹⁶ huma għodda ewlenija sabiex jiġi kkoordinat approċċ strateġiku bħal dan, b'mod partikolari għall-ispeċijiet l-aktar mhedda. Dawn jipprovdu informazzjoni dwar l-istatus, l-ekoloġija, it-theddid u l-miżuri ta' konservazzjoni attwali għal kull speċi u jelenkaw l-azzjonijiet ewlenin li huma meħtieġa sabiex jittejjeb l-istat ta' konservazzjoni tagħhom fil-firxa tagħhom fl-UE. Il-Kummissjoni bħalissa qiegħda tiżviluppa tliet pjanijiet ta' konservazzjoni għal ċerti gruppi ta' speċijiet mhedda ta' pollinaturi. Żewġ pjanijiet se jkopru l-pajsaġġi agrikoli u tal-foresti madwar l-UE, u t-tielet se jkopri żona ġeografika speċifika, il-Gżejjer Kanarji. Ladarba jiġu ffinalizzati, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni wiesgħa tagħhom għandhom jiġu żgurati permezz ta' appoġġ minn diversi sorsi ta' finanzjament, inkluż il-Programm LIFE.

Il-konservazzjoni tal-pollinaturi għandha tiġi integrata sew fil-ġestjoni ta' żoni protetti, b'mod partikolari n-network Natura 2000. Ħafna tipi ta' ħabitats protetti mid-Direttiva dwar il-Ħabitats huma essenzjali għall-pollinaturi. L-inklużjoni tal-pollinaturi bħala speċijiet tipiċi fil-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-istat ta' konservazzjoni ta' dawn il-ħabitats tgħin sabiex tiġi ssimplifikata l-konservazzjoni tal-pollinaturi fil-pjanijiet ta' ġestjoni ta' Natura 2000.

¹⁶ <https://wikis.ec.europa.eu/display/EUPKH/Action+plans>

It-tnedija tal-monitoraġġ tal-pollinaturi se tgħin sabiex jiġu mmappjati aħjar speċijiet rari u mhedda ta' pollinaturi. Din l-informazzjoni għandha tintuża sabiex jiġu rfinati l-isforzi ta' konservazzjoni u ta' restawr, u sabiex jiġu indikati żoni protetti ġodda, fil-kuntest tal-mira tal-UE li sal-2030 jintlaħqu 30 % ta' żoni protetti skont l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030.

L-użu tal-art u l-bidliet fl-użu tal-art, bħall-intensifikazzjoni fl-agrikoltura u fil-forestrija, l-urbanizzazzjoni u l-iżvilupp tal-infrastruttura jistgħu jħallu impatt negattiv fuq il-pollinaturi billi jnaqqsu d-disponibbiltà tal-habitats tal-pollinaturi u jżidu l-frammentazzjoni tal-habitats. Huwa meħtieġ approċċ integrat fil-pajsaġġi naturali u kulturali kollha sabiex tiġi miġġielda l-frammentazzjoni tal-habitats. Dan jista' jinkiseb permezz ta' network ippjanat b'mod strateġiku ta' meded ta' habitats li flimkien jiffurmaw infrastruttura konnessa mal-pajsaġġ kollu, u li jaqsmu r-reġjuni bijoġeografiċi u amministrattivi. Tali kurituri ekoloġiċi għall-pollinaturi – li nipproponu li nsejnhulhom “Buzz Lines” – jippermettu lill-ispeċijiet jiċċaqilqu fit-tfittxija għall-ikel, għall-kenn, u għal siti għall-bejtiet u għat-tnissil. Barra minn hekk, dawn il-kurituri jagħxxu bħala rotot ta' migrazzjoni għall-ispeċijiet affettwati mit-tibdil fil-klima, u b'hekk jappoġġaw l-isforzi ta' adattament. Il-proċessi tal-ippjanar spazjali fil-livelli kollha ta' governanza huma ta' importanza kritika għall-implimentazzjoni b'suċċess tan-network Buzz Lines.

L-azzjonijiet għall-pollinaturi madwar il-pajsaġġi għandhom jiġu appoġġati ulterjorment ukoll permezz ta' fondi tal-UE, b'mod partikolari permezz tal-politika agrikola komuni (PAK) tal-UE, il-fondi tal-politika ta' koeżjoni u l-programm LIFE. L-Istati Membri wkoll għandhom iħeġġu u jiffaċilitaw b'mod qawwi l-kooperazzjoni transfruntiera f'dan ir-rigward.

Ir-restawr tal-habitats tal-pollinaturi fil-pajsaġġi agrikoli

Il-pressjonijiet magħrufa jinkludu ċerti prattiki ta' ġestjoni agrikola bħall-monokultura, l-użu kbir ta' pestiċidi u l-ħdim intensiv tar-raba', ir-ragħa jew il-ħsad imwettaq b'mod intensiv, u, fejn isseħħ, il-fertilizzazzjoni żejda tal-mergħat¹⁷, li jwasslu għat-tnaqqis tal-pollinaturi fil-pajsaġġi agrikoli. L-użu akbar ta' tekniki agronomiċi favur il-pollinaturi, b'mod partikolari l-agroekoloġija, huwa kruċjali sabiex din ix-xejra titreġġa' lura.

Il-PAK hija wieħed mill-istrumenti ewlenin li jappoġġaw tranżizzjoni bħal din, permezz ta' miżuri bħall-biedja organika, iż-żamma u l-iżvilupp ta' karatteristiċi tal-pajsaġġ, l-agroforestrija, it-tnaqqis fl-użu ta' sustanzi kimiċi, u l-protezzjoni ta' pjanti li ma jagħmlux ħsara lill-pollinaturi fil-mergħat u fil-biċċiet ta' art ta' lqugħ. Mill-2023 sal-2027, il-PAK se tkun regolata minn arkitettura ekoloġika ġdida b'rekwiżiti ta' bażi msaħħa u ekoskemi ġodda skont il-Pilastru I tagħha, flimkien ma' miżuri skont il-Pilastru II, bħall-impenji ta' ġestjoni agroambjentali u klimatiċi. L-interventi ta' benefiċċju għall-pollinaturi fil-pajsaġġi agrikoli għandhom jiġu pplanati b'mod strateġiku u kkoordinat, abbażi tal-ħtiġijiet identifikati fil-livell lokali. Il-pajsaġġi favur il-pollinaturi huma bijodiversi, rikki fil-karatteristiċi tal-pajsaġġ u joffru kwantità adegwata ta' habitats ta' kwalità għolja u konnessi sew¹⁸.

¹⁷ [Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni meħmuż mal-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi](#) (SWD(2018) 302 final)

¹⁸ [IPBES \(2016\). Assessment report by the Intergovernmental Science-Policy Platform on Biodiversity and Ecosystem Services on pollinators, pollination and food production.](#)

Fi ħdan il-PAK, l-Istati Membri jistgħu jfasslu interventi strateġiċi li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ekonomiċi, ambjentali u soċjali speċifiċi. Pereżempju, skemi ta' pagament ibbażati fuq ir-riżultati jistgħu jagħmlu l-approċċ aktar effettiv u joffru aktar flessibbiltà u inċentivi lill-bdiewa sabiex jimplimentaw prattiki li jirrispettaw l-ambjent. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jtaffu l-pressjonijiet fil-livell tal-pajsaġġ permezz ta' skemi kollettivi, li jinċentivaw il-kollaborazzjoni bejn il-bdiewa fl-implimentazzjoni kollettiva tal-impenji agroambjentali u klimatiċi.

Il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK żviluppatti mill-Istati Membri¹⁹ jinkludu varjetà ta' azzjonijiet b'potenzjal għoli għall-protezzjoni tal-pollinaturi. Pereżempju, diversi Pjanijiet għandhom l-għan li joħolqu żoni ta' alimentazzjoni għall-pollinaturi selvaġġi, bħal biċċiet ta' art bil-fjuri, kultivazzjoni annwali ta' pjanti li jipproduċu l-għasel, jew karatteristiċi xierqa oħrajn tal-pajsaġġ. Impenji oħrajn jikkonċernaw l-istabbiliment ta' żoni mhux produttivi fuq raba' li jinħadem sabiex jittejjeb, fost l-oħrajn, l-istatus tal-pollinaturi u tiżdied il-provvista tal-ikel għall-insetti pollinaturi. Il-Pjanijiet jista' jkollhom ukoll l-għan li jissostitwixxu l-prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti b'metodi bijoloġiċi għall-kontroll tal-pesti, li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-protezzjoni tal-pollinaturi.

Ir-riskji minħabba l-agrokimiċi (b'mod partikolari l-pestiċidi u t-tagħbijiet għoljin ta' nutrijenti) iridu jiġu mmitigati sew ukoll. Dan jeħtieġ sforzi u kooperazzjoni komuni bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-bdiewa. Il-konsulenti tal-azjendi agrikoli li huma mħarrġa sew fil-konservazzjoni tal-bijodiversità u tal-pollinaturi, kif ukoll l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni u ta' komunikazzjoni, huma elementi ewlenin sabiex jiffaċilitaw l-użu aħjar tal-miżuri mmirati. Ladarba jkunu disponibbli, għandhom jintużaw indikaturi robusti bbażati fuq il-metodoloġija ta' monitoraġġ tal-pollinaturi madwar l-UE kollha (ara l-Priorità I) sabiex jiġi evalwat l-impatt tal-interventi. Skont il-PAK, fost sorsi oħrajn ta' finanzjament, tista' tintuża l-assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Istati Membri sabiex tappoġġa l-użu tal-iskema ta' monitoraġġ tal-pollinaturi (EU-PoMs).

Il-mitigazzjoni tal-impatti tal-użu tal-pestiċidi fuq il-pollinaturi

Il-pestiċidi jibqgħu fattur ewleni fit-tnaqqis tal-pollinaturi, u l-impatt tagħhom irid jittaffa minn politiki u prattiki mmirati. Fl-Istrateġija tal-UE mill-Għalqa sal-Platt u fl-Istrateġija għall-Bijodiversità, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tnaqqas ir-riskju u l-użu tal-pestiċidi kif ukoll l-użu ta' pestiċidi aktar perikolużi b'50 % sal-2030. Dawn il-miri huma maħsuba sabiex jiġu implimentati, b'mod partikolari, mir-Regolament propost dwar l-Użu Sostenibbli ta' Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti (SUR)²⁰. Il-Kummissjoni se twettaq ukoll aktar ħidma sabiex ittejjeb l-indikaturi użati għall-kwantifikazzjoni tat-tnaqqis tar-riskju u l-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

Bħala parti mill-abbozz tas-SUR, il-Kummissjoni pproponiet ukoll projbizzjoni fuq l-użu tal-pestiċidi f'żoni sensittivi. Dawn jinkludu żoni protetti għall-konservazzjoni tan-natura, kif ukoll żoni li jospitaw il-pollinaturi li huma mhedda bl-estinzjoni. As part of the interinstitutional negotiations, the European Parliament and Council are looking in detail at the modalities for such a prohibition. L-abbozz tas-SUR jipprevedi wkoll żieda fl-użu tal-ġestjoni integrata tal-pesti

¹⁹ Il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2023.

²⁰ [Proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal Regolament dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti](#) (COM(2022) 305).

(IPM). Dan jistabbilixxi ġerarkija ta' interventi għall-protezzjoni tal-pjanti, fejn l-enfasi tkun fuq miżuri ta' riskju baxx u l-pestiċidi kimiċi jintużaw biss bħala l-aħħar alternattiva.

Tħassib dejjem akbar huwa l-għoti ta' awtorizzazzjonijiet ta' emerġenza mill-Istati Membri għall-pestiċidi li ma għadhomx approvati fil-livell tal-UE. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja s-sitwazzjoni u se tagħti mandat lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) sabiex tivverifika jekk il-ġustifikazzjonijiet ipprovduti mill-Istati Membri għal dawn l-awtorizzazzjonijiet humiex validi. Il-Kummissjoni diġà għamlet dan b'mod ripetut fir-rigward tal-awtorizzazzjonijiet ta' emerġenza għall-użu ta' ċerti neonikotinojdi²¹. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qiegħda tiegħu passi sabiex ittejjeb id-disponibbiltà tal-alternattivi b'riskju baxx għall-kontroll kimiku ta' pesti, b'mod partikolari dawk relatati ma' soluzzjonijiet bijoloġiċi bħall-mikroorganizmi²².

Il-Kummissjoni qiegħda taħdem sabiex issaħħaħ il-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi għall-pollinatori. This includes strengthening the risk assessment for bees²³ to minimise the undesired effects of pesticides use on honeybees and wild bee species. Barra minn hekk, hemm hteġġa urġenti li titħaffef id-disponibbiltà ta' metodi ta' ttestjar li jippermettu li tiġi ddeterminata t-tossiċità tal-pestiċidi għall-pollinatori selvaġġi. Huwa meħtieġ ukoll li jiġi żgurat li l-koformulanti jkunu pprojbati milli jintużaw flimkien ma' sustanzi attivi fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti meta jitqiesu li għandhom effetti inaċċettabbli fuq l-ambjent, inkluż il-pollinatori.

It-titjib tal-ħabitats tal-pollinatori fiż-żoni urbani

L-urbanizzazzjoni u l-iżvilupp tal-infrastruttura jnaqqsu d-disponibbiltà tal-ħabitats naturali tal-pollinatori. Madankollu, jekk jiġu ppjanati u ġestiti kif xieraq, iż-żoni urbani jistgħu jaġixxu bħala rifuġġi għall-pollinatori, speċjalment f'pajsaġġ usa' mċaħħad mir-riżorsi tal-fjuri. Dawn jistgħu jtejjbu wkoll il-konnettività tal-ħabitats billi jipprovdut ħabitats ta' tranżizzjoni, bħal parks pubbliċi, ġonna privati (f'żoni rurali wkoll), azjendi agrikoli urbani, u ħitan ekoloġiċi u bjuż ekoloġiċi.

Il-Kummissjoni żviluppat gwida dwar l-ibliet favur il-pollinatori²⁴, li għandha tiġi promossa ulterjorment u applikata b'mod wiesa' mill-ibliet. Barra minn hekk, il-konservazzjoni tal-pollinatori għandha titqies fl-iżvilupp ta' pjanijiet ta' ekoloġizzazzjoni urbana²⁵. Iż-żoni urbani huma wkoll hotspots għall-attivitajiet ta' involviment, u għalhekk għandhom rwol importanti fiż-żieda tal-involviment taċ-ċittadini fl-attivitajiet ta' konservazzjoni.

It-tnaqqis tal-impatti ta' speċijiet aljeni invażivi fuq il-pollinatori

Ċerti speċijiet aljeni invażivi jistgħu jeżerċitaw pressjonijiet diretti jew indiretti fuq il-pollinatori. Dawn jistgħu jikkawżaw il-pollinatori nattiv, ikunu vettur għall-mard u patoġeni ġodda jew jikkompetu magħhom għal sorsi tal-ikel. Il-pjanti aljeni invażivi jistgħu jisbqu l-pjanti nattiv, u b'hekk ibiddlu l-komunitajiet tal-pjanti li jiddependu fuqhom il-pollinatori nattiv.

²¹ https://food.ec.europa.eu/plants/pesticides/approval-active-substances/renewal-approval/neonicotinoids_en

²² https://food.ec.europa.eu/plants/pesticides/micro-organisms_en

²³ https://food.ec.europa.eu/plants/pesticides/protection-bees_en

²⁴ <https://wikis.ec.europa.eu/display/EUPKH/Pollinator-friendly+cities>

²⁵ https://environment.ec.europa.eu/topics/urban-environment/urban-greening-platform_en

Sabiex jiġu evitati ulterjorment l-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi li l-impatt tagħhom fuq il-pollinatori jista' jkun gravi, se tingħata kunsiderazzjoni għall-inklużjoni tagħhom fil-lista ta' speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni²⁶.

Sabiex jiġi żgurat li r-restrizzjoni tal-użu tal-pestiċidi f'żoni sensittivi ma tfixkilx il-ġestjoni futura ta' speċijiet ta' pjanti aljeni invażivi, se jkun importanti li jiżiedu d-disponibbiltà, l-użu u l-effettività ta' opzjonijiet ta' ġestjoni mhux kimiċi.

Ir-riskju tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni li huma ta' ħsara għall-pollinatori għandu jitnaqqas ulterjorment ukoll billi jiġi promoss l-użu ta' pjanti nattivi u taħlitiet ta' żrieragħ li huma tajbin għall-pollinatori f'żoni li jinkludu l-ġonna privati, iż-żoni pubbliċi, l-art agrikola, u l-foresti.

L-indirizzar tat-tibdil fil-klima u ta' kawżi oħrajn ta' tnaqqis fil-pollinatori

It-tibdil fil-klima jbidel il-kundizzjonijiet tat-temp lokali f'termini ta' temperatura u preċipitazzjoni, u għalhekk jista' jnaqqas ir-riżorsi disponibbli għall-pollinatori (eż. minħabba nixfa) u jfixkel ir-relazzjonijiet koevoluti bejn il-pollinatori u l-pjanti, b'hekk taħlikat tal-fjoritura u l-emerġenza ta' pollinatori speċjalizzati.

B'mod partikolari, ħafna speċijiet huma mistennija li jibdli l-firxa tad-distribuzzjoni tagħhom sabiex jadattaw għal kundizzjonijiet klimatiċi mibdula u dan ikun jeħtieġ li dawn jiċċaqilqu għal żoni ġodda. Filwaqt li l-UE stabbiliet sensiela ta' politiki u strateġiji klimatiċi sabiex issir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima u reżiljenti għall-klima sal-2050²⁷, l-ekosistemi Ewropej se jiġu inevitabbilment affettwati mit-tibdil fil-klima matul id-deċennji li ġejjin. Għalhekk, se jkun importanti li jiġi kkunsidrat l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq il-pollinatori u fuq il-ħabitats tagħhom u li jiġu identifikati l-aktar żoni vulnerabbli għall-pollinatori f'dan il-kuntest, bil-ħsieb li jitfasslu u jiġu implimentati miżuri ta' mitigazzjoni mmirati.

²⁶ [Ir-Regolament \(UE\) Nru 1143/2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi.](#)

²⁷ https://climate.ec.europa.eu/index_mt

As regards light pollution, its impact on nocturnal pollinators is well understood, enabling specific mitigation actions at national, regional, and local level. Il-Kummissjoni integrat rakkomandazzjonijiet dwar kif għandu jittaffa t-tniġġis tad-dawl fil-linji gwida tagħha għaċ-ċittadini²⁸ u l-ibliet²⁹ u se tkompli tippromwovihom.

Il-pollinaturi jistgħu jiġu affettwati wkoll mill-bijoċidi. L-approvazzjoni ta' sustanzi attivi u l-awtorizzazzjoni ta' prodotti bijoċidali li fihom dawn is-sustanzi huma soġġetti għal valutazzjoni stretta tar-riskju³⁰. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi bħalissa qiegħda tfassal approċċ speċifiku għall-valutazzjoni tar-riskji li l-bijoċidi jgħolqu għall-pollinaturi³¹.

2.3. PRIJORITÀ III: Mobilising society and promoting strategic planning and cooperation at all levels

Għajjnuna liċ-ċittadini u lin-negozji sabiex jaġixxu

L-implimentazzjoni tal-azzjonijiet deskritti taħt iż-żewġ prijoritajiet preċedenti se teħtieġ mobilizzazzjoni wiesgħa tal-atturi rilevanti kollha, inklużi x-xjenzati, dawk li jfasslu l-politika, iċ-ċittadini, il-bdiewa, u n-negozji.

Din għandha tkun sostnuta minn attivitajiet effettivi ta' komunikazzjoni, mobilizzazzjoni u networking. Il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-monitoraġġ u l-konservazzjoni tal-pollinaturi għandha tiġi promossa ulterjorment. Din għandha tinkludi x-xjenza taċ-ċittadini kif ukoll il-proċessi organizzati tal-parteċipazzjoni tal-pubbliku fl-attivitajiet ta' monitoraġġ u ta' konservazzjoni fil-livelli rilevanti kollha. Il-qafas Ewropew ta' kompetenza dwar is-sostenibbiltà³² jista' jagħti s-setgħa liċ-ċittadini sabiex jaġixxu f'dan ir-rigward.

Peress li t-tnaqqis tal-pollinaturi huwa mistenni li jkollu impatt qawwi fuq il-ġenerazzjonijiet futuri, għandha tingħata attenzjoni partikolari wkoll għall-involviment taż-żgħażaġħ. F'dan ir-rigward, it-teknoloġiji l-ġodda, bħall-esperjenza tar-realtà virtwali Pollinator Park³³, joffru mezzi komplementari għall-involviment tas-soċjetà b'mod ġenerali.

L-involviment ta' setturi kummerċjali ewlenin għandu jiġi ffaċilitat ulterjorment permezz ta' networks eżistenti, bil-ħsieb li tiġi promossa l-adozzjoni tal-linji gwida dwar l-azzjoni għall-konservazzjoni tal-pollinaturi fis-setturi kollha.

Il-promozzjoni tal-ippjanar strateġiku u l-kooperazzjoni fil-livelli kollha

L-Inizjattiva dwar il-Pollinaturi se jkollha bżonn tiġi tradotta f'approċċi strateġiċi mfassla tajjeb fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali. Hija biss azzjoni konsistenti fil-livelli kollha ta' governanza li se treġġa' lura t-tnaqqis tal-pollinaturi.

²⁸ <https://wikis.ec.europa.eu/display/EUPKH/Citizens>

²⁹ <https://wikis.ec.europa.eu/display/EUPKH/Cities>

³⁰ https://health.ec.europa.eu/biocides/biocidal-products_mt

³¹ https://echa.europa.eu/documents/10162/17234/scoping_paper_pollinators_guidance_en.pdf/7957c0f8-5ded-4a6e-17a7-2a899bbb141a

³² https://joint-research-centre.ec.europa.eu/greencomp-european-sustainability-competence-framework_en

³³ https://environment.ec.europa.eu/topics/nature-and-biodiversity/pollinator-park_en

L-istrategġiji nazzjonali dwar il-pollinaturi għandhom jikkoordinaw u jstimulaw l-isforzi fis-setturi u l-politiki rilevanti kollha sabiex jitreġġa' lura t-tnaqqis tal-pollinaturi sal-2030, inkluż permezz ta' azzjonijiet appoġġati mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE. Dawn għandhom jiġu tradotti fi pjanijiet ta' azzjoni fil-livelli reġjonali u lokali. L-istrategġiji u l-pjanijiet ta' azzjoni jeħtieġ li jiġu żviluppati b'mod trasparenti, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha u bl-użu ta' networks u pjattaformi eżistenti sabiex tiġi ffaċilitata l-kollaborazzjoni bejn diversi atturi. Fejn ikun meħtieġ, għandu jiġi esplorat l-istabbiliment ta' networks u pjattaformi ġodda. Għas-suġġetti u l-interventi li jkajmu kontroversja, il-proċessi parteċipattivi, deliberattivi u ta' kokreazzjoni joffru mezzi addizzjonali sabiex jiġu indirizzati t-tensjonijiet bejn atturi differenti, inklużi ċ-ċittadini. Rwol attiv għall-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni se jkun ta' importanza partikolari, filwaqt li jippromwovi l-involvement u l-kollaborazzjoni reġjonali.

Fl-aħħar nett, it-tnaqqis tal-pollinaturi ma huwiex biss sfida Ewropea. L-isforzi tal-UE għandhom jikkontribwixxu għall-isforzi internazzjonali sabiex titreġġa' lura din ix-xejra globali, taħt l-Inizjattiva Internazzjonali dwar il-Pollinaturi³⁴ u permezz ta' fora internazzjonali rilevanti oħra.

3. KONKLUŻJONI

Jekk l-UE trid tippreżerva l-bijodiversità, ma hemm l-ebda alternattiva ħlief li jitwaqqaf u jitreġġa' lura t-tnaqqis tal-pollinaturi selvaġġi, li hija fundamentali għall-benesseri tal-bniedem. Il-qafas ta' azzjoni l-ġdid skont l-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi jistabbilixxi perkors għall-UE sabiex tilqa' din l-isfida. Flimkien mal-proposta għal Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura, dan jirrappreżenta patt ġdid għall-pollinaturi fl-UE.

Din l-inizjattiva riveduta se tikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, b'mod partikolari l-Istrategġija għall-Bijodiversità u l-Istrategġija mill-Għalqa sal-Platt. Se ttipprovdi wkoll kontribut siewi għall-progress tal-UE lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli rilevanti tan-NU u l-impenji miftiehma skont il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill japprovaw il-qafas ta' azzjoni l-ġdid taħt din l-Inizjattiva u sabiex jimpenjaw ruħhom b'mod attiv fl-implimentazzjoni tiegħu, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

³⁴ <https://www.cbd.int/doc/decisions/cop-14/cop-14-dec-06-en.pdf>

ANNEX – NEW ACTION FRAMEWORK

Dan l-anness jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-oġġettivi u l-azzjonijiet inklużi taħt kull prijorità tal-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi.

PRIJORITÀ I: It-titjib tal-ġharfien dwar it-tnaqqis tal-pollinaturi, il-kawżi u l-konsegwenzi tiegħu		
L-oġġettivi li għandhom jintlaħqu sal-2030 <i>L-istat tal-pollinaturi u l-kawżi ewlenin tat-tnaqqis tagħhom jiġu mmonitorjati regolarment permezz ta' sistema ta' monitoraġġ madwar l-UE u jiġu vvalutati regolarment. Dan jipprovdi l-bażi għall-iżvilupp ta' indikaturi robusti sabiex jinformatu dwar l-impatti tal-politiki nazzjonali u tal-UE rilevanti dwar il-pollinaturi. Ma għadx hemm lakuni kritiċi fl-ġharfien dwar it-tnaqqis tal-pollinaturi, il-kawżi u l-konsegwenzi tiegħu għas-soċjetà u għall-ekonomija. Hemm aċċess miftuħ għad-data u għall-informazzjoni dwar il-pollinaturi.</i>		
AZZJONI		KOMPLETATA MINN
1. L-ISTABILIMENT TA' SISTEMA KOMPRESIVA TA' MONITORAĠĠ		
1.1	Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiffinalizzaw l-iżvilupp u l-ittestjar ta' metodoloġija standardizzata għal skema ta' monitoraġġ tal-pollinaturi tal-UE (EU-PoMs) . Il-metodoloġija se tiżgura t-twassil ta' settijiet tad-data annwali dwar l-abbundanza u d-diversità tal-ispeċijiet ta' pollinaturi, b'setgħa statistika adegwata sabiex jiġi vvalutat jekk it-tnaqqis tal-pollinaturi ġiex imreġġa' lura kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali. Ladarba l-metodoloġija tkun disponibbli, l-Istati Membri għandhom jużaw l-iskema fil-prattika.	2026
1.2	Il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-Istati Membri u tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, se tfassal qafas integrat għall-monitoraġġ tat-tnaqqis tal-pollinaturi, il-kawżi u l-konsegwenzi tiegħu ³⁵ . Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa l- ġbir sistematiku tad-data dwar theddid kbir għall-pollinaturi , b'mod partikolari permezz tal-inizjattivi EMBAL ³⁶ u Insignia ³⁷ .	2026

³⁵ Dan se jsegwi l-mudell ta' intervent DPSIR (fatturi, pressjonijiet, stat, impatt u rispons).

³⁶ <https://wikis.ec.europa.eu/pages/viewpage.action?pageId=25560696>

³⁷ <https://wikis.ec.europa.eu/pages/viewpage.action?pageId=36702461>

1.3	Il-Kummissjoni se tiżviluppa indikaturi dwar l-istat tal-popolazzjonijiet tal-pollinaturi u l-pressjonijiet li jiffaċċaw u se tesplora opzjonijiet għall-iżvilupp ta' indikaturi dwar l-impatti tal-pollinaturi fuq is-saħħa tal-ekosistema, l-ekonomija u l-benesseri tal-bniedem. Dawn l-indikaturi se jiġu żviluppati bil-għan li jikkontribwixxu, fost affarijiet oħrajn, għall-evalwazzjoni tal-politiki rilevanti, bħall-politika agrikola komuni (rabta mal-Azzjoni 5.4).	Kontinwament sal-2030
2. APPOĠĠ GĦAR-RIĊERKA U L-VALUTAZZJONI		
2.1	Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jippromwovu r-riċerka u l-innovazzjoni dwar l-istat tal-pollinaturi, il-kawżi u l-konsegwenzi tat-tnaqqis tagħhom , kif ukoll miżuri effettivi ta' mitigazzjoni . Ir-riċerka bażika u applikata pprijoritizzata, appoġġata permezz tal-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni – Orizzont Ewropa – u l-isforzi nazzjonali tar-riċerka, għandhom iwessgħu l-bażi tal-għarfien fost il-gruppi ta' pollinaturi u jtejbu l-fehim tat-theddid emerġenti għall-pollinaturi.	Kontinwament sal-2030
2.2	Il-Kummissjoni se tiffinalizza l-valutazzjoni tal- Lista l-Ħamra Ewropea għal gruppi ewlenin ta' insetti pollinaturi – naħal, <i>Syrphidae</i> , friefet, u baħrijiet.	2024
2.3	Il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri u mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, se tidentifika u tippjana Żoni Ewlenin ta' Pollinaturi fl-UE, li għandhom isiru l-qofol tal-isforzi ta' konservazzjoni u restawr.	2025
3. IL-PROMOZZJONI TAL-BINI TAL-KAPAĊITÀJIET U L-KONDIVIŻJONI TAL-GĦARFIEN		
3.1	Abbażi ta' valutazzjoni tal-lakuni, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jappoġġaw l-investiment sabiex tiżdied il-kapaċità tal-esperti tal-UE fit-tassonomija tal-pollinaturi (jiġifieri x-xjenza tal-għoti ta' ismijiet, id-deskrizzjoni u l-klassifikazzjoni ta' dawkl-organiżmi), sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' riċerka u monitoraġġ. L-Istati Membri għandhom iżidu l-isforzi tal-edukazzjoni u joħolqu opportunitajiet ta' xogħol f'dan il-qasam.	Kontinwament sal-2030
3.2	Il-Kummissjoni se tkompli tiżviluppa bażi tad-data dwar l-ispeċijiet ta' pollinaturi (fosthom id-deskrizzjoni, l-istampi u l-mapep tad-distribuzzjoni ta' kull speċi) u se tappoġġa l-iżvilupp ta' gwid fuq il-post u ta' kjavi ta' identifikazzjoni sabiex tiffaċilita l-monitoraġġ tal-pollinaturi.	2025

3.3	Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jippromwovu l-aċċess miftuħ għad-data u l-informazzjoni ġġenerati mill-attivitajiet ta' riċerka u monitoraġġ, kif ukoll minn sorsi rilevanti oħrajn tad-data bħad-data dwar l-użu tal-art skont is-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAC) tal-PAK.	Kontinwament sal-2030
3.4	Il-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent se jkomplu jiffaċilitaw il-kondiviżjoni tal-għarfien permezz tal- Pollinator Information Hive tal-UE ³⁸ u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Bijodiversità għall-Ewropa (BISE) ³⁹ .	Kontinwament sal-2030
3.5	Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jappoġġaw l-iżvilupp ulterjuri tal- infrastruttura tar-riċerka li hija importanti għat-titjib tal-bażi tal-għarfien dwar il-pollinaturi, inkluż billi jibnu fuq is-Sistema Distribwita tal-Kollezzjonijiet Xjentifiċi (Distributed System of Scientific Collections, DiSSCo) ⁴⁰ u r-Riċerka fit-tul dwar l-Ekosistema fl-Ewropa (Long-Term Ecosystem Research in Europe, eLTER) ⁴¹ .	2026
PRIJORITÀ II: It-titjib tal-konservazzjoni tal-pollinaturi u l-indirizzar tal-kawżi tat-tnaqqis tagħhom		
L-oġettivi li għandhom jintlaħqu sal-2030 <i>Ġew identifikati u implimentati miżuri xierqa ta' konservazzjoni u restawr għall-pollinaturi u għall-ħabitats tagħhom. Miżuri rilevanti għall-pollinaturi huma integrati bis-sħiħ fil-politika agrikola komuni u l-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-opportunitajiet ta' finanzjament sabiex imantnu u jirrestawraw il-ħabitats tal-pollinaturi f'żoni rurali u urbani, inkluż taħt il-politika ta' koeżjoni tal-UE. Il-ħabitats tal-pollinaturi huma konnessi b'mod effettiv fil-pajsaġġ usa', u dan jippermetti lill-pollinaturi jinfirxu madwar it-territorju u jwieġbu għall-impatti klimatiċi negattivi. Il-pollinaturi huma protetti mill-impatti tal-pestiċidi, ta' inkwinanti ambjentali oħrajn u ta' speċijiet aljeni invażivi.</i>		
4. IT-TITJIB TAL-KONSERVAZZJONI TAL-ISPEĊIJET U TAL-ĦABITATS TA' POLLINATORI		
4.1	Il-Kummissjoni se tiffinalizza l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' konservazzjoni għal speċijiet mhedda ta' pollinaturi. Żewġ pjanijiet se jkopru l-pajsaġġi agrikoli u tal-foresti, u t-tielet se jkopri l-Gżejjer Kanarji. Il-Kummissjoni	2026

³⁸ <https://wikis.ec.europa.eu/display/EUPKH/EU+Pollinator+Information+Hive>

³⁹ <https://biodiversity.europa.eu>

⁴⁰ <https://www.dissco.eu>

⁴¹ <https://elter-ri.eu>

	u l-Istati Membri għandhom jappoġġaw l-implimentazzjoni tagħhom.	
4.2	Il-Kummissjoni se tidentifika pollinatori tipiċi ta' habitats protetti skont id-Direttiva dwar il-Habitats . L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri implimentati għal dawn il-habitats, b'mod partikolari skont il-pjanijiet ta' ġestjoni ta' Natura 2000, iqisu l-konservazzjoni tal-pollinatori. L-Istati Membri għandhom jiżguraw finanzjament adegwat għal dawk il-miżuri.	Kontinwament sal-2030
4.3	L-Istati Membri għandhom jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' speċijiet mhedda ta' pollinatori ⁴² fil-ġestjoni ta' żoni protetti eżistenti , u fil-wegħdiet tagħhom għal żoni protetti ġodda skont l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030.	Kontinwament sal-2030
4.4	Il-Kummissjoni u l-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, għandhom ifasslu pjan ta' azzjoni għal network ta' kurituri ekoloġiċi għall-pollinatori – “Buzz Lines” – u jiżviluppaw pjan ta' miżuri għall-implimentazzjoni tiegħu. Il-pjan se jibni fuq l-immappjar ta' Żoni Ewlenin ta' Pollinatori u l-ħolqien ta' żoni ta' habitats ġodda permezz tar-restawr. Sabiex jappoġġaw l-implimentazzjoni tan-network Buzz Lines, l-Istati Membri għandhom jintegraw il-konservazzjoni tal-pollinatori fil- politiki tal-ippjanar spazjali fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali.	2027, b'implimentazzjoni kontinwa sal-2030
4.5	Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ikompli jippromwovu attivitajiet għall-konservazzjoni tal-pollinatori permezz tal- Programm LIFE .	Kontinwament sal-2030
5. IR-RESTAWR TAL-HABITATS TAL-POLLINATORI FIL-PAJSAĠĠI AGRIKOLI		
5.1	Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-Istati Membri sabiex iżżid l-appoġġ għall-biedja favur il-pollinatori skont il- politika agrikola komuni (PAK) . L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw u jimplimentaw interventi mmirati u pplanati b'mod strateġiku sabiex ireġġgħu lura t-tnaqqis tal-pollinatori fil-pajsaġġi agrikoli sal-2030, bħala parti mill-PAK u strumenti rilevanti oħrajn (eż. miżuri nazzjonali jew reġjonali ta' konservazzjoni tan-natura). Dawn għandhom jiżguraw ukoll il-konsistenza u sinerġiji bejn dawn l-istrumenti u l-miżuri differenti. Fid-dawl ta' din il-ħtieġa, il-Kummissjoni se tesplora opzjonijiet dwar kif l-aħjar tindirizza l-	Kontinwament sal-2030

⁴² Skont il-valutazzjonijiet tal-Lista Ħamra Ewropea, <https://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/species/redlist>.

	konservazzjoni u r-restawr tal-pollinaturi fir-riforma futura tal-PAK.	
5.2	Il-Kummissjoni se tkompli tħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati sabiex jikkondividu l-aħjar prattika u jorganizzaw attivitajiet ta' koordinazzjoni skont il-PAK attwali sabiex jiffaċilitaw it-tfassil u l-adozzjoni ta' strumenti effettivi li minnhom jibbenefikaw il-pollinaturi, bħal skemi ta' pagament ibbażati fuq ir-riżultati u miżuri kollettivi mill-bdiewa, inkluż permezz tan-Network tal-PAK tal-UE u pjattaformi oħrajn tal-partijiet ikkonċernati.	2027
5.3	L-Istati Membri għandhom itejbu l-kapaċità tas-servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli għall-konservazzjoni u r-restawr tal-pollinaturi. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw ukoll attivitajiet ta' komunikazzjoni u ta' dimostrazzjoni għal skemi favur il-pollinaturi.	Kontinwament sal-2030
5.4	Il-Kummissjoni se tkompli bl-iżvilupp ta' indikatur tal-pollinaturi bil-għan li dan jiġi integrat fil-qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-PAK, ladarba l-iskema ta' monitoraġġ tal-pollinaturi tal-UE (EU-PoMs) tiġi implimentata biżżejjed.	2026
6. IL-MITIGAZZJONI TAL-IMPATTI TAL-UŻU TAL-PESTIĊIDI FUQ IL-POLLINATORI		
6.1	Il-Kummissjoni se tirrikjedi li l-Istati Membri kollha jistabbilixxu sistemi f'konformità mar-rekwiżiti legali rilevanti sabiex jiżguraw li l-utenti professjonali tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jimplimentaw għestjoni integrata tal-pesti (IPM) , bil-għan li jiġi mminimizzat l-impatt tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fuq il-pollinaturi.	2026
6.2	Il-Kummissjoni se tivvaluta l-opzjonijiet għat-titjib tal- indikaturi tar-riskju armonizzati eżistenti, jew għall-iżvilupp ta' oħrajn ġodda, sabiex jiġu stmati aħjar ix-xejriet fir-riskju u fl-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, inklużi r-riskji għall-pollinaturi.	Kontinwament sal-2030
6.3	Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-awtorizzazzjonijiet ta' emerġenza għall-pestiċidi li huma ta' ħsara għall-pollinaturi u, jekk jitqies meħtieġ, titlob lill-EFSA tivvaluta l-ġustifikazzjonijiet ipprovduti mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni se tagħti mandat lill-EFSA sabiex tiżviluppa protokollu speċifiċi sabiex tevalwa dawk il-ġustifikazzjonijiet. Meta jinstab li l-awtorizzazzjonijiet ta' emerġenza ma jkunux iġġustifikati, il-Kummissjoni se tkompli tadotta deċiżjonijiet sabiex tipprojbixxi dawn l-awtorizzazzjonijiet.	Kontinwament sal-2030

	Il-Kummissjoni se timmonitorja l-implimentazzjoni tad-dokument ta' gwida dwar l-awtorizzazzjonijiet ta' emerġenza, u, jekk ikun meħtieġ, se tikkunsidra li tistabbilixxi kriterji legalment vinkolanti skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 dwar meta jistgħu jingħataw awtorizzazzjonijiet ta' emerġenza.	
6.4	Ladarba jiġi ppubblikat, il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri għall-approvazzjoni u għall-implimentazzjoni sħiħa tad- Dokument ta' Gwida dwar in-Nahal rivedut tal- Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) dwar il-valutazzjoni tar-riskji għan-naħal mill-użu tal-pestiċidi ⁴³ . Il-Kummissjoni se titlob lill-EFSA għal rieżami ieħor meta jsiru disponibbli għodod ġodda ta' għarfien jew ta' mmudellar.	2024
6.5	Il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, se tistabbilixxi pjan ta' ħidma sabiex jiġu żviluppati, ivvalidati u ttestjati metodi ta' ttestjar addizzjonali għad-determinazzjoni tat-tossiċità tal-pestiċidi għall-pollinaturi, inklużi l-pollinaturi selvaġġi. Dan il-pjan ta' ħidma se jqis l- ispeċijiet indikaturi li jeħtieġ li jiġu ttestjati u se jinkludi l- effetti subletali u kroniċi tal-pestiċidi. Dan se jinkludi appoġġ għar-rikonoxximent internazzjonali ta' dawk il-metodi permezz ta' Linji Gwida ta' Ttestjar ġodda mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD).	2025
6.6	Il-Kummissjoni se ttejjji Regolament ta' Implimentazzjoni ⁴⁴ li jistabbilixxi proċedura u kriterji għall-identifikazzjoni ta' koformulanti inaċċettabbli fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li se jinkludu kriterji għall-protezzjoni ambjentali li jkopru l-pollinaturi.	2024
7. IT-TITJIB TAL-HABITATS TAL-POLLINATORI FIŻ-ŻONI URBANI		
7.1	Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-ibliet jimplimentaw il-gwida għal bliet favur il-pollinaturi ⁴⁵ .	Kontinwament sal-2030
7.2	Meta jiġu żviluppati Pjanijiet ta' Ekoloġizzazzjoni Urbana ⁴⁶ , l-ibliet Ewropej għandhom iqisu r-rekwiżiti ta' konservazzjoni tal-pollinaturi.	Kontinwament sal-2030

⁴³ <https://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/3295>

⁴⁴ Skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

⁴⁵ <https://wikis.ec.europa.eu/display/EUPKH/Cities>

8. IT-TNAQQIS TAL-IMPATTI TA' SPEĊIJET ALJENI INVAŻIVI FUQ IL-POLLINATURI		
8.1	Il-Kummissjoni se tivvaluta t- theddid għall-pollinaturi minn speċijiet aljeni invażivi li għadhom ma humiex inklużi fil-lista ta' speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 u se tħejji valutazzjonijiet tar-riskju għal daww l-aktar problematiċi.	2025
8.2	Il-Kummissjoni se tivvaluta l- opzjonijiet ta' ġestjoni għall-ispeċijiet ta' pjanti aljeni invażivi li huma l-aktar ta' ħsara għall-pollinaturi selvaġġi, bil-għan li tiżdied id-disponibbiltà, l-adozzjoni u l-effettività ta' opzjonijiet ta' ġestjoni mhux kimiċi.	2028
8.3	Il-Kummissjoni se tiżviluppa linji gwida sabiex tippromwovi l-użu ta' pjanti nattivi u ta' taħlitiet ta' żrieragħ li huma ta' benefiċċju għall-pollinaturi f'żoni inklużi l-ġonna privati, iż-żoni pubbliċi, l-art agrikola u l-foresti.	2027
9. L-INDIRIZZAR TAT-TIBDIL FIL-KLIMA U TA' KAWŻI OĦRAJN TA' TNAQQIS FIL-POLLINATURI		
9.1	Il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, se tidentifika l- aktar żoni vulnerabbli għall-pollinaturi fil-kuntest tat-tibdil fil-klima , u se tfassal u timplimenta miżuri ta' mitigazzjoni mmirati. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq il-pollinaturi u fuq il-habitats tagħhom fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom għall-adattament għat-tibdil fil-klima.	Kontinwament sal-2030
9.2	L-Istati Membri għandhom itaffu l-impatt tat- tniġġis tad-dawl fuq il-pollinaturi permezz ta' politiki nazzjonali, reġjonali u lokali. Il-Kummissjoni se tippromwovi l-adozzjoni ta' gwida għall-pubbliku ⁴⁷ u l-ibliet ⁴⁸ f'dan ir-rigward.	Kontinwament sal-2030
9.3	L-Aġenzija Ewropea għas-sustanzi Kimiċi se tiżviluppa linji gwida għall-valutazzjoni tar-riskji tal-bijotiċi	2024

⁴⁶ https://environment.ec.europa.eu/topics/urban-environment/urban-greening-platform_en

⁴⁷ <https://wikis.ec.europa.eu/display/EUPKH/Citizens>

⁴⁸ <https://wikis.ec.europa.eu/display/EUPKH/Cities>

	fuq il-pollinaturi.	
PRIJORITÀ III: Il-mobilizzazzjoni tas-soċjetà u l-promozzjoni tal-ippjanar u l-kooperazzjoni strateġiċi fil-livelli kollha		
L-objettivi li għandhom jintlaħqu sal-2030 <i>Ġew żviluppati u implimentati pjanijiet ta' azzjoni sabiex jitreġġa' lura t-tnaqqis tal-pollinaturi fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. L-impatt tal-politiki pubbliċi żdied billi l-pubbliku ġenerali u n-negozji ġew mobilizzati b'mod effettiv. L-impatt ta' miżuri individwali żdied permezz ta' kollaborazzjoni u koordinazzjoni aħjar tal-atturi rilevanti fil-livelli kollha. Fuq livell globali, l-UE hija minn ta' quddiem sabiex tappoġġa u tiffaċilita l-azzjoni internazzjonali dwar il-pollinaturi.</i>		
10. GĦAJNUNA LIĊ-ĊITTADINI U LIN-NEGOZJI SABIEX JAĠIXXU		
10.1	Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ikomplu jqajmu kuxjenza pubblika dwar it-tnaqqis tal-pollinaturi u jinvolvu lill-pubbliku f'azzjoni sabiex jindirizzawh, billi jappoġġaw l-attivitajiet ta' komunikazzjoni u ta' networking.	Kontinwament sal-2030
10.2	Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jippromwovu x-xjenza taċ-ċittadini u jiffaċilitaw il-parteeċipazzjoni pubblika fil-monitoraġġ u l-konservazzjoni tal-pollinaturi, u b'mod partikolari għandhom jappoġġaw l-involvement taż-żgħażaġh u l-governanza parteċipattiva .	Kontinwament sal-2030
10.3	Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jippromwovu l-adozzjoni tal-gwidi dwar l-azzjoni minn setturi kummerċjali ewlenin għall-protezzjoni tal-pollinaturi ⁴⁹ , inkluż permezz tal-Pjattaforma tal-UE għan-Negozju @ Bijodiversità.	Kontinwament sal-2030
11. IL-PROMOZZJONI TAL-IPPJANAR STRATEĠIKU U L-KOOPERAZZJONI FIL-LIVELLI KOLLHA		
11.1	L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati u maċ-ċittadini, strateġiji nazzjonali dwar il-pollinaturi li jikkoordinaw u jstimulaw sforzi fis-setturi u l-politiki rilevanti	2025

⁴⁹ Gwidi dwar l-azzjoni għall-protezzjoni tal-pollinaturi mis-setturi tal-agroalimentazzjoni u x-xorb; il-bejgħ bl-imnut; il-forestrija; l-ortikoltura; il-bini; l-arkitettura tal-pajsaġġ; it-turiżmu, l-enerġija; l-apikultura; u l-estrazzjoni; ara <https://wikis.ec.europa.eu/display/EUPKH/Businesses>

	kollha sabiex ireġġgħu lura t-tnaqqis tal-pollinaturi sal-2030. Il-Kummissjoni se tappoġġa lill-Istati Membri f'dan ir-rigward, inkluż permezz tal-grupp ta' ħidma dwar il-pollinaturi tal-Pjattaforma tal-UE għall-Bijodiversità.	
11.2	Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jappoġġaw u jinkoraġġixxu azzjoni għall-konservazzjoni tal-pollinaturi fil-livelli reġjonali u lokali , inkluż permezz tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE. L-awtoritajiet reġjonali u lokali għandhom jiżviluppaw, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati u mal-komunitajiet lokali, pjanijiet ta' azzjoni li jikkontribwixxu għall-isforzi tal-UE u dawk nazzjonali sabiex ireġġgħu lura t-tnaqqis tal-pollinaturi sal-2030.	Kontinwament sal-2030
11.3	Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għandu jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Inizjattiva dwar il-Pollinaturi fost l-awtoritajiet lokali u reġjonali, filwaqt li jippromwovi l-kondiviżjoni tal-ġarġen u tal-aħjar prattika dwar kif jiġi protetti l-pollinaturi. Il-Kummissjoni u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għandhom jikkooperaw sabiex jippromwovu l-involviment tal-livelli kollha tal-gvern, filwaqt li jiżguraw appoġġ, inkoraġġiment u koordinazzjoni adegwati għall-azzjonijiet implimentati fil-livell lokali u reġjonali.	Kontinwament sal-2030
11.4	Il-Kummissjoni se tkompli tiffaċilita l- kollaborazzjoni bejn diversi atturi permezz ta' pjattaformi eżistenti bħall-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pollinaturi tal-Pjattaforma tal-UE għall-Bijodiversità, il-pjattaforma tal-politika Interreg, il-programm TAIEX-EIR Peer 2 Peer, in-Network tal-PAK tal-UE u l-Pjattaforma tal-UE għall-Ekoloġizzazzjoni Urbana. Il-Kummissjoni se tinvestiga l-ħtiġijiet addizzjonali għaż-żieda tal-kapaċità ta' kollaborazzjoni bejn diversi atturi fil-livell tal-UE.	Kontinwament sal-2030
11.5	Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ikomplu jippromwovu azzjoni internazzjonali effettiva dwar il-pollinaturi, inkluż fil-qafas tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-NU (FAO), il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u l-OECD.	Kontinwament sal-2030